MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru 182/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Joseph Cordina)
**vs**
**John Micallef**
**Carmelo Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija John Micallef ta' 45 sena, bin Gaetano u Maria nee' Micallef, imwieled Pieta fl-1 ta' Dicembru 1956, u li joqghod fl-indirizz 18A, Triq Ghar Bettijja, Dingli, detentur tal-karta ta' l-identita numru 804956(M).

U kontra Carmelo Micallef ta' 53 sena, bin Gaetano u Maria nee' Micallef, imwieled Rabat fis-27 ta' Gunju 1948 u li joqghod fl-indirizz Dar il-Hena, Triq il-lewziet Kirkop, detentur numru 558648(M)

Talli fil-15 ta' Frar 2002 u fix-xhur precedenti fil-Buskett, xjentament lqajtu ghandkhom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, cioe sitt rombli, kull wiehed ta' mitt metru pajp ghall-ilma tax-xorb, propjeta tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma, li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn Lm100, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat. Jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun, indhaltu biex tbieghuhom jew tmexxuhom. Bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta'llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u dan wara li l-Qorti fissritilhom xi tfisser ammissjoni. Issibhom hatja.

Rat l-artikolu 334 tal-kap 9 kif ukoll l-artikolu 22 tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Stante il-fedina penali ta' l-akkuzati ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk filwaqt li ssib l-akkuzati hatja qed tilliberahom taht il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-kap 446 b'dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur (6) m'illum. Il-Qorti qed tfisser lill-hatja l-import ta' din is-sentenza u qed tordnalhom 'in solidum' li jhallsu is-somma ta' Lm 91.80c lill-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------